MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2581/2000/1

PETER ARRIGO LTD.

vs

Avv. Dr. Christopher ĊILIA u l-P.L. Juliana Scerri Ferrante, nominati b'Degriet tal-10 ta' Diċembru, 1997, bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti *Adidas AG*

Il-Qorti:

**Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Diċembru, 2000, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:**
**Illi bis-saħħa ta' kuntratt datat 27 t'April, 1990, (Dok. A anness) is-soċjeta' attriċi ġiet nominata distributriċi f'Malta tal-prodotti tas-soċjeta' konvenuta;**

**Illi ai termini tal-Art. 3.1 tal-imsemmi kuntratt, id-drittijiet tas-soċjeta' attriċi f'Malta kienu esklussivi għaliha biss;**

**Illi bis-saħħa ta' ittra tad-19 t'Ottubru, 1994, (Dok. B) is-soċjeta' konvenuta iddeċidiet illi għas-sena 1995, tinnomina distributur addizzjonali għal Malta flimkien mas-soċjeta' attriċi sabiex it-tnejn f'daqqa jikkonkorru għad-dritt ta' distribuzzjoni mis-sena 1996 'l quddiem;**

**Illi dan l-arrangament ġie rifless f'ittra oħra datata 20 t'Ottbru 1994 (Dok. C);**

**Illi kif jirriżulta minn ittra datata 17 ta' Jannar, 1995, (Dok. D), is-soċjeta' konvenuta unilateralment iddeċidiet illi tirrevoka l-arrangament li hija stess nediet bl-ittra tad-19 t'Ottubru, 1994, u dan billi appuntat terzi bħala distributuri esklussivi tagħha f'Malta minn dakinhar;**

**Illi minkejja d-dritt tiegħu naxxenti mill-imsemmi Art. 3.1 tal-kuntratt Dok. A, is-soċjeta' attriċi aċċettat in *buona fede* din il-konkorrenza sabiex jiġi stabbilit min mill-konkorrenti kien l-aħjar;**

**Illi inoltre, wara din id-deċiżjoni unilaterali, ordnijiet tas-soċjeta' attriċi ma ġewx konsenjati lis-soċjeta' attriċi kif jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża, u dan minkejja li fl-istess ittra Dok. B is-soċjeta' konvenuta obbligat ruħha li tforni lis-soċjeta' attriċi fis-sena 1995;**

**Illi barra minn hekk it-terminu ta' *notice* pattwit fl-Art. 13.1 tal-ftehim ma ġiex osservat, billi f'dik is-sena 1995 kienet biss is-soċjeta' terza illi ġiet fornita bil-prodotti tas-soċjeta' konvenuta;**

**Illi inoltre, is-soċjeta' attriċi għamlet spejjeż u investimenti kbar u diversi sabiex tippromwovi l-prodott tas-soċjeta' konvenuta, qabel ma sabet ruħha estromessa minn tali distribuzzjoni;**

**Illi b'hekk, is-soċjeta' attriċi soffriet danni ingenti naxxenti mill-ksur tal-ftehim imsemmi, kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża;**

**Illi għalkemm interpellata b'ittra uffiċjali datata 3 ta' Novembru, 1997, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;**

**Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet premessi:**

**1. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi;**

**2. Tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;**

**3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati;**

**Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-ittra uffiċjali Dok. E, u bl-imgħax kummerċjali skond il-liġi;**

**Is-soċjeta' konvenuta, jew rappreżentant tagħha, inġunti minn issa għas-subizzjoni;**

**Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mehmużin magħha;**

**Rat in-Nota mressqa fil-15 ta' Frar, 2001, li biha l-imħarrkin Kuraturi Deputati eċċepew:**

**1. Illi f'dan l-istadju l-eċċipjenti m'humiex edotti mill-fatti kollha tal-każ u jirriservaw id-dritt illi jippreżentaw eċċezzjonijiet fil-mertu wara li jsiru d-debiti verifiki;**

**Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;**

**Rat in-Nota tal-imħarrkin Kuraturi Deputati tal-15 ta' Frar, 2001, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;**

**Rat in-Nota tal-imħarrkin Kuraturi Deputati mressqa fl-14 ta' Marzu, 2001, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;**

**Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 t'April, 2001, li matulu l-Avukat Dottor Henri Mizzi għarraf lill-Qorti li kien inħatar bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija mħarrka Adidas AG, u talab li f'isimha jitħalla jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet[1];**

**Rat in-Nota mressqa fit-23 t'April, 2001[2], li biha l-kumpannija Adidas-Salomon AG (ġja' Adidas AG) eċċepiet:**

**1. Illi, preliminarjament, din l-Onor Qorti m'għandhiex gurisdizzjoni stante li l-partijiet ftehmu li kwalunkwe kontroversja bejniethom għandha, jekk ma tinħallx amikevolment, tiġi "referred to the competent court in Nuremberg applying the law of the Federal Republic of Germay" (klawsola 16.1 tal-ftehim li kopja tiegħu hi annessa maċ-ċitazzjoni u mmarkata Dok A; ara ukoll klawsola 16.2 li tgħid li din l-Onor. Qorti kienet tkun kompetenti kieku s-soċjeta' esponenti kienet attriċi;**

**2. Illi, mingħajr pregudizzju għall-premess, f'każ li din l-Onor. Qorti ssib li għandha ġurisdizzjoni f'din il-kwistjoni, is-soċjeta' esponenti tiċħad li hi naqset minn xi obbligu kuntrattwali jew mod ieħor (b'dan li l-esistenza ta' obbligi mhux kuntrattwali mhux ammessa) lejn is-soċjeta' attriċi, jew li kkawżat xi danni lis-soċjeta' attriċi li għalihom għandha tirrispondi;**

**3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;**

---

[1] Paġ. 37 ta-proċess
[2] Paġġ. 40-3 tal-proċess

**Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka;**

**Rat id-Degriet tagħha tal-24 ta' Mejju, 2001, li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien biex tressaq Nota ta' Sottomissjonijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħha dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma' l-kawża minħabba klawsola ta' ġurisdizzjoni ta' qorti barranija;**

**Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fit-28 ta' Settembru, 2001[3], dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni;**

**Rat in-Nota ta' Tweġiba mressqa mill-kumpannija attriċi fl-14 ta' Novembru, 2001[4], dwar l-istess eċċezzjoni;**

**Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;**

**Rat l-atti kollha tal-kawża;**

**Rat id-Degrieti tagħha tal-21 ta' Frar, 2002, tat-30 ta' Mejju, 2002, tas-17 ta' Ottubru, 2002, tat-13 ta' Frar, 2003, tal-15 ta' Mejju, 2003, tal-10 ta' Lulju, 2003, u tal-25 ta' Settembru, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari dwar is-setgħa ta' din il-Qorti li tisma' l-kawża minħabba l-klawsola ta' arbitraġġ;**

*Ikkunsidrat:*

Illi b'din il-kawża, il-kumpannija attriċi qegħda titlob il-kundanna tal-kumpannija mħarrka li, wara li ħatritha aġent esklussiv għall-bejgħ ta' prodotti tagħha f'Malta, ħatret lil ħaddieħor bi ksur tal-ftehim ta' aġenzija li kien sar bejniethom. Il-kumpannija attriċi qegħda titlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dan il-ksur ta' ftehim;

---

[3] Paġġ. 45-9 tal-proċess
[4] Paġġ. 52 sa 63 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni u wara li l-kumpannija mħarrka estera ħatret mandatarju speċjali tagħha f'Malta għall-finijiet ta' din il-kawża, l-istess kumpannija mħarrka laqgħet billi fl-ewwel lok qalet li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża billi l-ftehim kellu klawsola ta' ġurisdizzjoni biex kwestjonijiet bejn il-partijiet jitressqu quddiem tribunal f'Nuremberg. Fil-mertu, hija qalet li bl-ebda mod ma kisret il-ftehim jew taħti ta' xi ksur tiegħu;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti sa issa jirriżulta li bi ftehim li kien sar fl-1990[5], il-kumpannija attriċi kienet inħatret distributriċi f'Malta tal-prodotti tal-kumpannija mħarrka. Dak il-ftehim kien għal tliet (3) snin kalendarji, liema żmien kien jiġġedded b'perjodi ta' sena kull darba jekk kemm-il darba xi waħda mill-partijiet ma tagħtix avviż tat-temm tiegħu minn tal-anqas sitt (6) xhur qabel l-għeluq tal-iskadenza kurrenti[6]. Fost il-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-ftehim kien hemm dik[7] li tgħid li kwestjonijiet li jinqalgħu bejn il-partijiet u li l-partijiet ma jkunux laħqu qbil bonarju bejniethom kellhom jitressqu quddiem il-qorti kompetenti ta' Nuremberg li tapplika l-liġi tar-Repubblika Federali Tedeska. Dik il-klawsola kienet tagħti wkoll is-setgħa li l-kumpannija mħarrka tfittex lill-kumpannija attriċi quddiem Qorti Maltija dwar kwestjonijiet li jitnisslu mill-ftehim jew konnessi miegħu. Fl-20 ta' Ottubru, 1994[8], il-kumpannija mħarrka għarrfet lill-kumpannija attriċi li kienet sejra ttemm il-ftehim tal-aġenzija b'effett mill-aħħar tas-sena 1995 u li kienet sejra taħtar distributur ieħor f'Malta għall-bejgħ tal-prodotti tagħha flimkien mal-istess kumpannija attriċi. B'ittra oħra tas-17 ta' Jannar, 1995[9], il-kumpannija mħarrka għarrfet lill-kumpannija attriċi li kienet ħadet deċiżjoni li tagħżel bħala distributur tagħha f'Malta lil terza persuna, għar-raġunijiet u l-arranġamenti hemm imsemmija. Il-kawża nfetħet fis-7 ta' Diċembru, 2000;

[5] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 16 tal-proċess
[6] Klawsola 13.1
[7] Klawsola 16
[8] Dok "Ċ", f'paġ. 19 tal-proċess
[9] Dok "D", f'paġġ. 20-1 tal-proċess

Illi l-kumpannija mħarrka tisħaq li l-azzjoni mibdija mill-kumpannija attriċi ma tistax tinstama' minn din il-Qorti għal dawn ir-raġunijiet: jiġifieri (a) għaliex hekk ftehmu l-partijiet, (b) għaliex il-liġi tagħti ġurisdizzjoni residwa lill-Qrati Maltin fejn fi ftehim ikun hemm klawsola ta' arbitraġġ jew ġurisdizzjoni ta' tribunal ieħor barrani, u (ċ) ma ntweriex li l-kumpannija attriċi ħadet xi passi quddiem qorti barranija, kif miftiehem, jew li ressqet xi prova li turi li kienet iġġarrab xi preġudizzju li kieku kellha tressaq il-kwestjoni tagħha quddiem it-tribunal barrani;

Illi l-kumpannija attriċi twarrab dawn l-argumenti. F'Nota studjata, hija ttenni li l-fatt waħdu li jkun hemm klawsola ġurisdizzjonali m'għandha bl-ebda mod tfisser li kawża ma tistax tinstama' minn Qorti Maltija jew li l-Qorti Maltija trid tabilfors twaqqaf is-smigħ tal-kawża. Hija ssemmi prinċipji ta' dritt li jħarsu kwestjoni bħal din u ssemmi b'dettal fejn u meta huwa rakkomandabbli li Qorti Maltija tordna s-soprasessjoni ta' kawża mressqa quddiemha. Il-kumpannija attriċi tinsisti li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija m'għandhiex titwarrab f'każi fejn il-klawsola ġurisdizzjonali m'hijiex waħda esklussiva. Hija tgħid li mill-kliem innifsu tal-klawsola 16 li fuqha l-kumpannija mħarrka qegħda sserraħ l-eċċezzjoni preliminari tagħha, joħroġ ċar li l-istess ftehim kien jikkontempla li l-kumpannija mħarrka nnifisha setgħet, kieku hekk għażlet, tressaq kawża kontriha dwar l-istess ftehim quddiem Qorti Maltija. Għalhekk, tgħid, il-klawsola m'hija bl-ebda mod waħda esklussiva;

**Illi dwar il-kwestjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minħabba deroga maħluqa minn klawsola ta' ġurisdizzjoni, il-liġi tal-Proċedura tistabilixxi li l-fatt waħdu li jkun hemm qorti oħra barranija li jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin[10]. Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diġa' kawża dwar l-istess ħaġa jew konnessa magħha li qegħda tinstama' minn qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawża bħal dik diġa' mibdija, jidher li s-setgħa li Qorti Maltija tqis u**

[10] Art. 742(2) tal-Kap 12

**tisma' l-kawża tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-ġurisdizzjoni tal-Qrati maltin skond l-artikolu 742(1) tal-Kap 12;**

**Illi, madankollu, x'għandha tagħmel il-Qorti meta parti fi ftehim tkun qablet li kwestjoni li jkollha mal-parti l-oħra trid titressaq quddiem Qorti barranija u, minflok, tressaq azzjoni quddiem il-Qorti Maltija biss ? It-tweġiba ta' din il-mistoqsija jiddependi mis-siwi li l-Qrati tagħna jagħtu għal klawsola bħal dik. Sa minn żmien ilu, il-Qrati tagħna taw għarfien lill-klawsoli ġurisdizzjonali, u dan l-iżjed taħt is-saħħa tal-prinċipju tal-liberta' kuntrattwali tal-partijiet u l-ieħor li *pacta sunt servanda*, u jiġifieri li jekk parti tkun intrabtet b'patt li kwestjoni kellha titresssaq quddiem qorti jew tribunal partikolari, dik ir-rabta ma setgħetx tintesa jew titwarrab jekk mhux bi qbil bejn kulħadd[11]. Iżda għalkemm kien hemm xi ftit każijiet fejn l-eżistenza ta' klawsola bħal dik wasslet biex il-Qorti qisitha bħala waħda tassattiva li tneħħi l-ġurisdizzjoni tagħha[12], il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet huma fis-sens li l-Qrati Maltin għandhom kull jedd li jeżerċitaw diskrezzjoni jekk iwarrbux il-ġurisdizzjoni tagħhom taħt is-saħħa ta' klawsola bħal dik[13]. Dan il-ħsieb jaqbel sewwa ma' dak li tipprovdi espressament il-liġi tagħna llum, u l-fehma l-iżjed aċċettata hija li klawsola bħal dik ma tistax titfisser bħala li teżawtora għal kollox u minn qabel il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li mqar tistħarreġ il-kwestjoni[14];**

**Illi l-Qorti tqis li, minħabba li l-kwestjoni tal-ġurisdizzjoni hija ta' siwi kruċjali, kull dispożizzjoni li timmira li twaqqaf l-eżerċizzju minn Qorti tas-setgħat tagħha għandha tingħata tifsira dejqa u preċiża;**

---

[11] Ara, per eżempju, P.A. **12.3.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna Barthet vs Paċe noe*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iii.653**)

[12] Ara, per eżempju, Kumm. **6.10.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Luċia noe vs Borġ*** (Kollez. Vol: **XLIII.iii.870**)

[13] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **9.12.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo vs Naudi et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1317**)

[14] Ara, per eżempju, Kumm. **23.6.1994** GMA fil-kawża fl-ismijiet ***John Bonello noe et vs John Ripard noe et*** (konfermata fl-Appell imma għal raġunijiet oħrajn fis-**7.10.1997**)

**Illi l-effett li l-eċċezzjoni tal-klawsola ġurisdizzjonali ġġib magħha huwa, kif tgħid il-liġi, jew li teħles lill-imħarrek milli jibqa' iżjed fil-kawża, jew li ttemm il-proċediment jekk ikun jidher lill-Qorti li l-kawża mressqa f'Malta, jekk kellha titkompla, kienet sejra tkun vessatorja, oppressiva jew inġusta għall-parti mħarrka. Iżda dan kollu jiddependi minn jekk il-Qorti tkunx, qabel, waslet għall-fehma li, minkejja tali klawsola, hija xorta waħda għandha s-setgħa li tisma' l-kawża. Normalment fis-sistema proċedurali Malti, l-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jitkellem dwar smigħ fl-istess waqt taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstama' flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis;***

**Illi s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt taż-żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa[15], trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir[16]. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali[17], li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, m'hijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu;**

---

[15] Art. 195(1) tal-Kap 12

[16] App. Ċiv.: **28.10.1935** fil-kawza fl-ismijiet ***Sir Ugo Mifsud noe vs Guido Abela et.*** (Kollez. Vol:**XXIX.i.1295**);

[17] P.A. Kost.: **12.8.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Lawrence Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.171**)

**Illi huwa minħabba f'hekk li l-Qrati jqisu s-soprasessjoni bħala provvediment ordinatorju mħolli fid-dehen tal-Qorti li quddiemha titressaq talba bħal dik[18]. Provvediment bħal dan huwa meqjus bħala wieħed interlokutorju[19] u, għalhekk, ma jorbotx lill-Qorti li tkun tatu jekk tqum il-ħtieġa li tibdel il-fehma tagħha aktar 'il quddiem, jekk tintwera raġuni tajba biex tagħmel dan;**

**Illi għalhekk ukoll, il-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bħala pass mhux ordinarju li jissospendi s-smigħ ta' kawża, meta n-norma hija, kif ingħad, li kawża li tinbeda għandha tinstama' sa ma tinqata'[20]. Kemm hu hekk, il-provvediment tas-soprasessjoni tqies bħala wieħed "alejatorju"[21] li, minħabba t-termini ebsin tal-Kodiċi Proċedurali dwar is-smigħ tagħhom[22], jista' jwassal għad-deżerzjoni tal-proċeduri mwaqqfa. Għal bosta snin, il-Qrati tagħna sabu li t-twaqqif ta' smigħ ta' kawża biex tistenna l-eżitu ta' kawża oħra li diġa' tressqet jew sakemm titressaq waħda fuq punt eċċezzjonali huwa rakkomandat biss fil-każ meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tabilfors tiddependi l-kawża li sejra titwaqqaf[23];**

**Illi hawnhekk irid jingħad li l-Qorti tifhem li hemm differenza kbira bejn li wieħed jgħid li Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni li tisma' kawża u li wieħed jgħid li għandha tieqaf milli tisma' l-kawża sakemm isiru l-proċeduri quddiem tribunal ieħor li jista' jkollu ġurisdizzjoni wkoll. Dan jingħad għaliex hija l-liġi nnifisha li tgħid li, f'każ bħal dan, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Maltija tibqa' tgħodd. Kif ingħad qabel, biex il-Qorti taqtagħha li twaqqaf is-smigħ tal-kawża li tkun tressqet quddiemha, jridu**

---

[18] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **23.6.1869** fil-kawża fl-ismijiet ***German et vs Scicluna et*** (Kollez. Vol: **V.157**); P.A. **23.1.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Żammit*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.197**) u App. Kumm.: **26.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttiġieġ et noe*** (mhix pubblikata)

[19] App. Ċiv. **22.5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia et vs Beżżina et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.ii.338**)

[20] App. Ċiv. 4.11.1957 fil-kawża fl-ismijiet *Cardona vs Pisani* (Kollez. Vol: XLI.i.547)

[21] P.A. 23.5.1997 fil-kawża fl-ismijiet *Camilleri noe vs Vassallo Gatt pro et noe* (Kollez. Vol: LXXXI.iii.83)

[22] Ara art. 965(ċ) u (d) tal-Kap 12

[23] P.A. 12.4.1962 fil-kawża fl-ismijiet *Azzopardi et vs Critien pro et* (Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Ċiv. 6.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet *Grima et vs Frendo et* (Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393)

**jikkonkorru bosta konsiderazzjonijiet li l-kumpannija attriċi fissret tant tajjeb fin-Nota tagħha;**

**Illi l-Qorti għarblet b'reqqa l-argumenti mressqin miż-żewġ naħat dwar il-kwestjoni li għandha quddiemha u waslet għall-fehma li l-klawsola li fuqha l-kumpannija mħarrka tibni l-eċċezzjoni tagħha m'hijiex waħda li tagħti ġurisdizzjoni esklussiva lit-tribunali ta' Nuremberga. Żgur ma jistax jingħad li dik il-klawsola twarrab għal kollox il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, u dan minħabba l-kliem tal-istess klawsola. Fuq il-prinċipju li wkoll kieku l-Qorti Maltija kellha ġurisdizzjoni residwa, u skond il-prinċipji li fuqhom tisħaq il-kumpannija mħarrka, lanqas ma jidher li huwa l-każ li din il-Qorti tissoprassjedi sakemm il-kumpannija attriċi tressaq proċeduri fil-Qorti Ġermaniża, u dan għaliex il-kumpannija attriċi seħħilha tagħti raġunijiet tajbin għaliex teżisti ġurisdizzjoni oriġinali dwar il-qofol tal-kwestjoni li tifforma l-mertu ewlieni tal-kawża, li l-*forum conveniens* huwa din il-Qorti. B'żieda ma' dan il-Qorti hija soddisfatta li l-ebda preġudizzju jew vessatorjeta' ma qegħda tinħoloq lill-kumpannija mħarrka bil-fatt li l-kawża tinstama' minn dawn il-Qrati;**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:**

Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni **tal-kumpannija mħarrka billi tiddikjara li hija għandha s-setgħa li tisma' l-kawża mressqa quddiemha u li l-klawsola ġurisdizzjonali invokata mill-kumpannija mħarrka m'hijiex ta' xkiel biex l-azzjoni attriċi tista' tinstama' minn dawn il-Qrati;**

Tordna **li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu; u**

Tikkundanna **lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni.**

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------